

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-iżball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti li r-restrizzjonijiet ikkcontestati huma bbażati fuqhom, peress li kieni imposti fuq ir-rikorrent mingħajr ebda bażi fattwali u probatorja attwali u reali.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ta' motivazzjoni, peress li r-regoli kkontestati huma nieqsa fir-rigward tar-rikorrent minn motivazzjoni korretta, li jimpedixxi li huwa jkun jista' jifformula b'mod adegwat id-difiża tiegħu.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt tal-bniedem għal-libertà tal-espressjoni, peress li r-rikorrent huwa ssanzjonat abbażi ta' ċerti osservazzjonijiet li huma koperti mill-imsemmi dritt tal-bniedem.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva fir-rigward tal-motivazzjoni tal-atti, l-lassenza ta' prova reali tal-motivi allegati u d-drittijiet tal-libertà tal-espressjoni, għad-difiża u għall-proprietà, peress li ma ġewx osservati l-ħtieġa li jiġu prodotti provi attwali u reali u r-rekiżi ta' motivazzjoni, li għandu impatt fuq id-drittijiet l-oħra imsemmija iktar 'il fuq.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprietà frelazzjoni mal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn l-imsemmi dritt ġie limitat b'mod inġust u barra minn hekk b'mod sproporzjonat.
6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, peress li ġiet ippreġudikata l-pożizzjoni komparattiva tar-rikorrent mingħajr ma jeżistu raġunijiet għal dan.
7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq l-użu ħażin ta' poter, peress li jeżistu indizji oġġettivi, preċiżi u konkordanti li jippermettu li jiġi sostnui li l-impożizzjoni u l-estensjoni tal-miżuri ta' sanzjoni kieni intiżi għal fini differenti minn dawk allegati mill-Kunsill.

(<sup>1</sup>) ĠU 2014, L 78, p. 16; fil-verżjoni tagħha emmenda bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/265 tat-23 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 421, p. 98, rettifikasi fil-ĠU 2022, L 55, p. 81).

(<sup>2</sup>) ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifikasi fil-ĠU 2014, L 294, p. 64; fil-verżjoni tiegħu emmenda bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/260 tat-23 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 421, p. 3).

## Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2022 – PH et vs BĊE

(Kawża T-323/22)

(2022/C 318/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: PH, PI, PJ, PK (rappreżentanti: D. Hillemann, C. Fischer u T. Ehls, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

## Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġebha:

- tannulla ex tunc id-Deċiżjoni ECB-SSM-2022-EN-4 QLF-2020-0037 tal-BĊE tat-22 ta' Marzu 2022 dwar l-oġġezzjoni għall-akkwist ta' ishma kkwalifikati u l-qbiż ta' 50 % tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot, innotifikata fl-istess data;
- tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħdax-il motiv.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 2c, paragrafu 1b, Nru 1 tal-Kreditwesengesetz (il-Liġi is-Settur tal-Kreditu, iktar 'il-quddiem il-“KWG”) (1) fir-rigward ta' “affidabbiltà”.
  - Dan il-motiv huwa mressaq fir-rigward tan-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-provi prodotti, l-użu ta' kriterji ta' evalwazzjoni inammissibbli u evalwazzjoni żbaljata tal-fatti.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq applikazzjoni ġuridikament żbaljata tal-Artikolu 2c, paragrafu 1b, Nru 4 KWG fir-rigward tal-“kompetenza professjonal”.
  - Dan il-motiv huwa mressaq fir-rigward tat-teħid bħala bażi ta' ċirkustanzi mhux xierqa u mhux tal-kunsiderazzjoni tal-esperjenza tal-ewwel rikorrent.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq applikazzjoni ġuridikament żbaljata tal-Artikolu 2c paragrafu 1b Nru 6 KWG fir-rigward tas-“solidità finanzjarja”.
  - Dan il-motiv huwa ppreżentat fir-rigward ta' rekwiżiti li ma jsibu l-ebda bażi legali fil-liġi u kalkolu żbaljat tar-rekwiżiti ta' kapital mill-konvenut.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq applikazzjoni ġuridikament żbaljata tal-Artikolu 2c, paragrafu 1b, Nru 2 KWG fir-rigward tal-“osservanza tar-rekwiżiti prudenzjali”.
  - Dan il-motiv huwa mressaq fir-rigward tad-definizzjoni ta' strateġija, ta' proċeduri sabiex tiġi ddeterminata u żgurata l-kapaċità ta' teħid ta' riskju, tal-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll intern, tal-personal u tal-esternalizzazzjoni futura tal-attivitajiet.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq applikazzjoni ġuridikament żbaljata tal-Artikolu 2c, paragrafu 1b, Nru 5 KWG fir-rigward ta' suspect ta' ħasil ta' flus u finanzjament tat-terroriżmu.
  - Dan il-motiv huwa ppreżentat fir-rigward tan-nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' miżuri meħuda/ppjanati, provi prodotti u nuqqas ta' rikonoxximent ta' assenza ta' indizji ta' suspect.
6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 19 u tal-premessa 75 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (2), fuq użu ħażin ta' poter u fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' raġuni għal rifjut ta' permess sabiex jiġi akkwistat il-bank kkonċernat.
  - Dan il-motiv huwa mressaq fir-rigward tal-portata u l-kwalità u ż-żmien tal-provi rodotti u l-kwistjoni tal-affinità tar-riskji tal-ewwel rikorrent.
7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-fatti rilevanti u żbalji ta' evalwazzjoni.
  - Dan il-motiv huwa mressaq fir-rigward tan-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-provi, tad-dikjarazzjonijiet u tal-informazzjoni prodotti.
8. It-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
  - Dan il-motiv huwa mressaq fir-rigward tal-assenza ta' htiegħa li jiġi pprojbit l-akkwist u li jiġu injorati miżuri iktar moderati.
9. Id-disa' motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligi ta' premura u ta' imparzialità.
  - Dan il-motiv huwa mressaq fir-rigward tan-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-attività kummerċjali ta' succcess ippruvata tal-ewwel rikorrent u l-kunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi mhux rilevanti għad-deċiżjoni appellata.
10. L-għaxar motiv, ibbażat fuq ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.
  - Dan il-motiv huwa mressaq fir-rigward tal-ksur tal-libertà tax-xogħol fl-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-libertà tal-kompetizzjoni u tal-libertà ta' aktività ekonomika fl-Artikolu 16 tagħha.

11. Il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

- Dan l-aħħar motiv huwa mressaq fir-rigward tal-integrità u tas-solidità finanzjarja tal-ewwel tliet rikorrenti.

(<sup>1</sup>) *Gesetz über das Kreditwesen*: ir-riferimenti għal din il-leġiżlazzjoni Ġermaniża jinsabu fir-rikors.

(<sup>2</sup>) ĠU 2013, L 287, p. 6.

### Rikors ippreżentat fl-1 ta' Lulju 2022 – QF vs Il-Kunsill

(Kawża T-386/22)

(2022/C 318/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: QF (rappreżentanti: T. Marembert u A. Bass, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (<sup>1</sup>), sa fejn din tirrigwarda lir-rikorrenti;
- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/581 tat-8 ta' April 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (<sup>2</sup>), sa fejn dan jirrigwarda lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni. Ir-rikorrenti ssostni, minn naħa, li ebda prova tal-Kunsill ma tissodisa r-rekwiżiti tal-ġurisprudenza Ewropea fil-qasam tal-istandard u tal-kwalità tal-prova u, min-naħħa l-oħra, li ebda wħħda mid-dikjarazzjoni jiet tal-motivazzjoni tal-Kunsill ma ġiet stabbilita. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tipproduc i insostenn tal-motiv tagħha l-elementi ta' natura patrimonjali li jippermettu li jiġi stabbilit li l-motivazzjoni tal-Kunsill huwa żbaljat.

(<sup>1</sup>) ĠU 2022, L 110, p. 55, rettifika fil-ĠU 2022, L 141, p. 131.

(<sup>2</sup>) ĠU 2022, L 110, p. 3, rettifika fil-ĠU 2022, L 141, p. 130.

### Rikors ippreżentat fil-5 ta' Lulju 2022 – adp Merkur vs EUIPO – psmtec (SEVEN SEVEN 7)

(Kawża T-408/22)

(2022/C 318/58)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrent: adp Merkur GmbH (Espelkamp, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K. Mandel, avukata)